IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.8.2020
COM(2020) 431 final

2020/0203 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/2236 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jiffissa, għall-2020, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/2236 li jiffissa, għall-2020, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed[1] jeħtieġ li jiġi modifikat biex iqis il-korrezzjonijiet ta' modifika fil-linja bażi ta' Spanja rigward l-isforz tas-sajd.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-miżuri proposti huma mfasslin f'konformità mal-objettivi u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Il-miżuri proposti huma konsistenti ma' politiki oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikulari mal-politiki fil-qasam tal-ambjent.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-obbligi tal-Unjoni li tisfrutta b'mod sostenibbli r-riżorsi akkwatiċi ħajjin ġejjin mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2].

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-proposta tidħol fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

• Proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni li ġejja: il-Politika Komuni tas-Sajd hija politika komuni. F'konformità mal-Artikolu 43(3) tat-Trattat, hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta l-miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

• Għażla tal-istrument

L-istrument propost: regolament.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/2236 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jiffissa, għall-2020, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed. Jekk jogħġbok irreferi għal https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32019R2236&from=mt

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma japplikawx.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma japplikawx.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma japplikawx.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-Artikolu 43(3) tat-Trattat jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ma japplikawx.

- **Drittijiet fundamentali**

Ma japplikawx.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżuri proposti mhu se jkollhom l-ebda implikazzjoni għall-baġit.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ma japplikawx.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-Direttivi)**

Ma japplikawx.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emenda proposta tfittex li timmodifika r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/2236 kif deskritt hawn taħt.

Il-Pjan ta' Ġestjoni Pluriennali fil-Punent tal-Mediterran (MAP)[3] ikopri t-tkarkir demersali minn Spanja, minn Franza u mill-Italja u daħal fis-seħħ fis-27 ta' Ġunju 2019. Il-MAP jipprevedi b'mod partikolari reġim tal-isforz bi tnaqqis gradwali fl-isforz, ikkalkulat fuq il-bażi ta' linja bażi determinata mill-Istati Membri skont il-kriterji stabbiliti fil-MAP. It-tnaqqis tal-isforz preskritt mill-MAP għall-2020, l-ewwel sena ta' implimentazzjoni, ġie stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/2236.

[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014. Jekk jogħġbok irreferi għal http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1022/oj.

Rigward il-kalkolu tat-tnaqqis tal-isforz, Spanja infurmat lill-Kummissjoni fl-aħħar ta' Mejju 2020 dwar żball fid-*data* tal-isforz tas-sajd tagħha li għandu implikazzjoni fuq il-linja bażi użata għat-tnaqqis tal-isforz tas-sajd, mhux f'termini tal-ammont tal-linja bażi iżda kif tiġi distribwita bejn gruppi tal-isforz tas-sajd fi Spanja. Matul il-proċess ta' din l-istima ta' linja bażi, Spanja identifikat difett fil-kalkolu tekniku li jifred il-jiem tas-sajd bejn is-sajd kostali u s-sajd fil-fond (jiġifieri l-gamblu l-aħmar, wieħed mill-ispeċijiet fil-mira ewlenin fil-MAP) fil-każ tal-vjaġġi b'durata ta' aktar minn jum. Din il-modifika fil-kalkolu ma taffettwax l-għadd totali ta' jiem ta' sajd għal Spanja fir-rigward tal-isforz u tikkonċerna biss proporzjon żgħir tal-vjaġġi u l-bastimenti totali. Madankollu, din għandha impatt sinifikanti fuq l-allokazzjoni ta' jiem ta' sajd bejn iż-żewġ tipi ta' sajd, għal Spanja u għall-bastimenti Spanjoli.

Din il-modifika ma għandhiex implikazzjoni għall-Istati Membri l-oħra li jimplimentaw l-MAP.

Għalhekk, sabiex tiġi evitata kwalunkwe diskrepanza bejn ir-rapportar Spanjol dwar l-isforz tas-sajd tagħhom u l-ammont tal-isforz tas-sajd adottat għall-2020 fir-Regolament tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, ir-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd għall-2020 jeħtieġ li jiġi emendat skont dan, biex tiġi kkoreġuta d-*data*.

2020/0203 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/2236 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jiffissa, għall-2020, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/2236[4] jiffissa, għall-2020, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed

(2) Il-Pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]. Skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet imniżżlin fl-Artikolu 1 tiegħu jiġu ffissati b'mod li jiksbu mortalità mis-sajd fil-livell tar-rendiment massimu sostenibbli (l-"MSY") fuq bażi progressiva u inkrementali sal-2020 fejn possibbli, u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jingħataw f'termini tal-isforz tas-sajd massimu permissibbli u li dawn jiġu ffissati skont ir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament. Kull Stat Membru kien meħtieġ jikkalkula l-linja bażi għal kull grupp tal-isforz tas-sajd jew kull subżona ġeografika bħala l-isforz tas-sajd medju, espress bħala l-għadd ta' jiem tas-sajd bejn l-1 ta' Jannar 2015 u l-31 ta' Diċembru 2017, u b'qies biss tal-bastimenti attivi matul dak il-perjodu. Għalhekk, għall-2020, jenħtieġ li l-isforz tas-sajd massimu permissibbli jitnaqqas b'10 % meta mqabbel mal-valur ta' referenza kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament. L-Istati Membri ddikjaraw id-*data* tal-linja bażi dwar l-isforz ta' referenza tagħhom skont is-segmenti tal-flotta u l-jiem tas-sajd.

(3) Matul il-proċess ta' stima tal-linja bażi għat-tnaqqis tal-isforz, Spanja identifikat difett fil-kalkolu tekniku li jifred il-jiem tas-sajd bejn is-sajd kostali u s-sajd fil-fond (jiġifieri l-gamblu l-aħmar, wieħed mill-ispeċijiet fil-mira ewlenin fir-Regolament (UE) 2019/1022), fil-każ ta' vjaġġi b'durata ta' aktar minn jum.

[4] Ir-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2019/2236 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jiffissa, għall-2020, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (ĠU L 336, 30 30.2019, p. 14).

[5] Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1).

(4) Konsegwentement, hemm bżonn li jiġi emendat il-kalkolu tal-linja bażi ta' Spanja rigward l-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'jiem tas-sajd. Din il-modifika għall-kalkolu ma taffettwax l-għadd totali ta' jiem tas-sajd għal Spanja, u lanqas ma għandha implikazzjoni għall-Istati Membri l-oħra li jimplimentaw il-Pjan ta' Ġestjoni Pluriennali. Madankollu, din il-modifika hija meħtieġa sabiex tiġi evitata kwalunkwe diskrepanza bejn ir-rappurtar Spanjol dwar l-isforz tas-sajd tagħhom u l-ammont tal-isforz tas-sajd stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/2236.

(5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/2236 jiġi emendat skont dan.

(6) Biex jiġi evitat li jiġu interrotti l-attivitajiet tas-sajd u biex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2020. Minħabba l-urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih mal-pubblikazzjoni tiegħu.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/2236

Fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/2236, fit-taqsima li tirreferi għall-isforz tas-sajd massimu permissibbli, f'jiem tas-sajd it-tabella (a) tinbidel b'dan li ġej:

"Fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf ta' Lion (is-subżoni ġeografiċi 1-2-5-6-7)

Grupp ta' stokkijiet	Tul sħiħ tal-bastimenti	Spanja	Franza	L-Italja	Kodiċi tal-grupp tal-isforz tas-sajd
It-trilja tal-ħama fis-subżoni ġeografiċi 1, 5, 6 u 7; il-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 1-5-6-7; il-gamblu abjad fis-subżoni ġeografiċi 1, 5 u 6; u l-iskampu fis-subżoni ġeografiċi 5 u 6.	< 12-il metru	2 260	0	0	EFF1/MED1_TR1
	≥ 12-il metru u < 18-il metru	24 284	0	0	EFF1/MED1_TR2
	≥ 18-il m u < 24 m	45 563	5 144	0	EFF1/MED1_TR3
	≥ 24 metru	16 047	6 258	0	EFF1/MED1_TR4
Il-gamblu l-blu u l-aħmar fis-subżoni ġeografiċi 1, 5, 6 u 7.	< 12-il metru	0	0	0	EFF2/MED1_TR1
	≥ 12-il metru u < 18-il metru	1139	0	0	EFF2/MED1_TR2
	≥ 18-il m u < 24 m	11535	0	0	EFF2/MED1_TR3
	≥ 24 metru	9260	0	0	EFF2/MED1_TR4

"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President